# Sodda tal-Mewt

Nathan Anthony Pace

Inkongruwenti l-mewt.

Il-bżieq iċarċar f'litanija psikotika
tar-rużarji kollha li qatt żebbiġt
fuq il-kuruna kaħla li xtrajtlek
f'Jum l-Omm
in-nifs jeħillek fil-bibien ibbalzmati
ta' griżmejk xi darba godlin
il-kliem jistaħba supperv
fit-tikek ta' lsienek
flok it-togħma
wiċċek ħalib maqtugħ
bil-bżieżaq tar-ragħwa jinfaqgħu weħidhom
għax ma stajtx
tilqgħalhom minn qabel
idejk it-taħbit ta' qalbek
proġettat fuq l-iskrin kważi funerarju
għajnejk il-lelluxiet li kont taqta'
għal quddiem il-Kunċizzjoni
biex jidbielu wara ftit.

Hekk il-mewt. Inkongruwenti.

Taf x'inhu inkongruwenti wkoll?
Li jien kont tant 'il bogħod.
Daqs l-ikrah mis-sabiħ.
Daqs l-imkisser mis-sħiħ.

Daqs il-mewt mill-ħajja.